VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,904, 21 ta' Novembru, 2017
Taqsima B

A.L. 323 tal-2017

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2017 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Education – M.Ed. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2017 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Education – M.Ed. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Education – M.Ed. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 75 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2017 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 14 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 14 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"14. (1) Fi programmi ta' studju prinċipalment bir-riċerka, strutturati kif dettaljat fis-sotto-paragrafu (a) tal-paragrafu (1) tal-ordinament 10, l-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali (60 kredtu) ta' mhux anqas minn 20,000 kelma iżda mhux aktar minn 30,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord. Id-dissertazzjoni għandha wkoll tissodisfa lill-Bord rigward il-kontenut u l-preżentazzjoni."

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Emenda għall-ordinament 15 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok is-sotto-paragrafu (a) tal-paragrafu (1) tal-ordinament 15 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"15. (1)(a) Fi programmi ta' studju prinċipalment bir-riċerka, strutturati kif dettaljat fis-sotto-paragrafu (b) tal-paragrafu (1) tal-ordinament 10, l-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali (80 kredtu) ta' mhux anqas minn 30,000 kelma iżda mhux aktar minn 35,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord. Id-dissertazzjoni għandha wkoll tissodisfa lill-Bord rigward il-kontenut u l-preżentazzjoni."